



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1305/2011, imressqa minn Andrew Hargreaves, apparentement ċittadin tar-Renju Unit, dwar l-allegat nuqqas tal-Isvizzera li tirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment ħieles ta' persuni u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità, jgħodd ukoll għall-Istati taż-ŻEE. L-awtur tal-petizzjoni, li qabel kien jaħdem l-Isvizzera, jilmenta li l-awtoritajiet Svizzeri ma tawhx il-pensjoni tal-invalidità, li hu jifhem li għandu dritt għaliha. Billi l-appelli tiegħu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, Catherine Day, baqgħu bla tweġiba, hu jitlob lill-Parlament Ewropew biex jintervjeni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-21 ta' Marzu 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Meta jitqiesu l-ilmenti preċedenti indirizzati mill-petizzjonant direttament lill-Kummissjoni Ewropea, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom l-oportunità li jeżaminaw fid-dettall l-allegazzjonijiet tal-petizzjonant. Huma kkonkludew li l-allegazzjonijiet ma kinux juru li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tat-talba tal-petizzjonant għal pensjoni tal-invalidità fl-Isvizzera, il-Kummissjoni

spjegatlu r-regoli tal-UE stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 1408/71¹ fl-ittri tagħha tat-18 ta' Ottubru u tas-26 ta' Novembru 2008, tal-21 ta' Jannar, tal-4 ta' Mejju u tat-23 ta' Diċembru 2009, tal-20 ta' Diċembru 2010 u tal-21 ta' Novembru 2011².

Rigward l-allegazzjonijiet li l-mistoqsijiet tal-petizzjonant ma ġewx imwiegħba mill-Kummissjoni, il-petizzjoni nnifisha u l-annessi tagħha jipprovdu evidenza tal-kuntrarju.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tixtieq tinforma lill-Parlament Ewropew li s-servizzi tal-Kummissjoni waqqfu l-korrispondenza mal-petizzjonant dwar l-ilment tiegħu kontra l-Italja u l-kwistjoni tal-karta tas-saħħa nazzjonali fid-9 ta' Ġunju 2011. Għalhekk, żewġ ittri indirizzati lis-Segretarju Ġenerali (datati 18 ta' Lulju u 21 ta' Lulju 2011) ġew imwiegħba permezz ta' nota mis-Segretarjat Ġenerali fejn informa lill-petizzjonant li, minħabba n-natura ripetittiva tal-ilmenti tiegħu, il-Kummissjoni waqqfet kwalunkwe korrispondenza oħra fuq din il-kwistjoni.

Konklużjoni

L-informazzjoni sottomessa mill-petizzjonant lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, anke meta evalwata fid-dawl tal-informazzjoni sottomessa qabel mill-petizzjonant direttament lill-Kummissjoni, ma tindikax applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

¹ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jstipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 120/2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 29) li kienu sostitwiti mill-1 ta' Mejju 2010 bir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 200, 7.6.2001, p. 1 (Corrigendum), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (EU) Nru 465/2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4).

² Ara wkoll, f'dan ir-rigward, it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsija mill-Parlament Ewropew E-12180/2011.